**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 20 TA' FRAR 2020**

**Fl-atti tar-rikors 428/19 RGM**
**Prezentat fl-10 ta' Gunju 2019 minn Joseph Andrea Preca et. Ai termini tal-Artikolu 836(8) u tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12**

**fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 504/19**
**fl-ismijiet**

**Av. Aron Mifsud Bonnici nomine**
**Vs**
**Joseph Andrea Preca et**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment moghti dwar rikors prezentat mis-sekwestrati fl-10 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbu fl-ewwel lok li l-Qorti tikkundanna lis-sekwestranti ghal penali u fit-tieni lok sabiex tordna lis-sekwestranti jaghmlu garanzija xierqa ghal hlas tal-

penali li tista'tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqas jitnehha l-mandat de quo,.

Rat ir-risposta tas-sekwestranti tas-6 ta' Dicembru 2019 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed jopponu ghar-rikors imsemmi.

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tallum 20 ta'Frar 2020.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

**Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12**.

Permezz tal-ewwel talba taghhom l-eżekutati qed jitolbu li s-sekwestranti jigu kkundannati jhallsu penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12

L-artikolu 836(8) jipprovdi illi penali għandhom jiġu imposti jekk 'l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed'.

Kif tajjeb qalet din il-Qorti diversament presjeduta, "Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala

tassattivi iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;" (Provvediment fl-ismijiet **Av. John Refalo noe. Vs Calibre Consultants Ltd** datat 13 ta' Awissu 2015)

Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza għall-każ in ezami il-Qorti hi tal-fehma illi r-rikorrenti ma seħħilhomx juru illi jeżistu l-estremi għall-kundanna ta' penali. Il-fatt li s-sekwestranti opponew it-talba tas-sekwestrati sabiex jiżbankaw parti mill-ammont sekwestrat ma jammontax għal xi nuqqas kontemplat mil-liġi li jwassal għall-kundanna tal-penali. Ir-raġuni li s-sekwestranti kienu resqu b'opposizzjoni għall-iżbank ta' parti mis-somma depożitata ma tistax titqies bħala waħda frivola u fi kwalunkwe każ seħħet wara l-ħruġ tal-mandat de quo. Issib għalhekk illi ma jirriżultawx ragunijiet sabiex il-Qorti tikkundanna lis-sekwestrati sabiex iħallsu lis-sekwestrati penali.

**Artikolu 838A tal-Kapitolu 12**

L-eżekutati fit-tieni talba taghhom qed jitolbu garanzija għal ħlas ta' penali, danni u imgħaxijiet ai termini tal-Artikolu 838A li jaqra:

> Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.

Il-Qorti tqies li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba . Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti tali ordni.

Fil-provvediment illi din il-Qorti diversament preseduta tat fis-6 ta` Frar 2014 fit-Rikors Nru 1221/2013 fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et vs. Roc A Go Crane Services Limited et** ingħad "*Illi dan huwa konformi ma` dak li gie stabbilit fid-decizjoni "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited" (P.A. (RCP) – 20 ta` Mejju 2002) u wkoll fid- decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A. – 30 ta` Gunju 2000) fejn inghad:- "Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta*."

Ingħad ukoll fis-sentenza **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**[1] li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni.

Minbarra dan, fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha billi titlob il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, ma jitnisslux awtomatikament raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni u wisq aktar imgħaxijiet minħabba l-istess Mandat.

Ikkunsidrat;

L-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti,

[1] Rik. Nru 2049/2000 degretat fit-2 ta' Marzu 2001.

u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta jokkorru ċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi kif interpretata mill-ġurisprudenza, jekk sussegwentement jirriżulta dritt a favur tal-eżekutat għall-ħlas ta' danni u penali da parti tal-eżekutant, allura issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi l-pretensjoni tagħha għad-danni sofferti b'riżultat ta' atti kawtelatorji li eventwalment instab li ma kienux ġustifikati.

Fil-fehma tal-Qorti t-talba mill-eżekutati għal garanzija taħt l-Artikolu 838A tippernja primarjament fuq il-fatt li l-eżekutanti m'għandhomx presenza f'Malta u lanqas ghandhom assi fil-gurisdizzjoni Maltija u lanqas jirrisjedu f'xi stat membru tal-Unjoni Ewropea.

Indubbjament l-Artikolu 838A mhux qiegħed hemm sabiex jissostitwixxi rimedji oħra li tipprovdi l-liġi. Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-eżekutati li l-fatt waħdu li l-eżekutanti m'għandhomx assi jew presenza f'Malta jissodisfa ir-rekwiżit ta' ġusta kawża. L-aspett internazzjonali jew *cross border* tal-litigazzjoni mhix raġuni biżżejjed biex twassal sabiex it-talba taħt l-Artikolu 838A tiġi milqugħa.[2]

Jigi osservat li r-rikorrenti ma ressqux imqar prima facie, raġuni ta' frivolożità jew malizzjożità. Għal din ir-raġuni wkoll fil-fehma tal-Qorti ma intweriex li l-mandat inħareġ abbużivament u lanqas huwa eċċessiv. Il-fatt li jista' jirreka diffikultajiet lill-eżekutati m'huwiex, fih innifsu, kawża ġusta għall-iskop ta' dan l-artikolu.

Issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Darmanin v. Cachia** fil-31 ta' Lulju 2007:-

> "Illi ….il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex

[2] Ara **BT Prime Limited vs. FXDD Malta Limited** (Rik Ġur Nru 476/2019 LSO) deċiża fl-20 ta' Ġunju 2019.

> jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti din il-Qorti hi tal-fehma illi t-talba għall-ordni ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A ma ġietx sodisfaċentement sostanzjata.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad ir-rikors ta' Joseph Andrea Preca et. tal-10 ta' Ġunju 2019.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju fil-kawża dwar il-mertu.

**Mogħti kameralment illum 20 ta' Frar 2020.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**